Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,314, 13 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 227 tal-2024

ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (KAP. 626)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Persuni Sportivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 73 tal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, il-Ministru responsabbli għall-isport, waqt li jaġixxi fuq il-parir tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Persuni Sportivi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Persuni Sportivi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 626.01.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Ladarba persuna tissottometti reġistrazzjoni ġdida skont ir-regolament 4(2) jew applikazzjoni mal-Awtorità skont ir-regolament 4(3), u tali reġistrazzjoni titwettaq mill-Awtorità, il-persuna reġistrata għandha minn hemm 'il quddiem fit-tmiem ta' kull sena finanzjarja, tissottometti lir-Reġistratur tal-Awtorità sa mhux aktar tard minn disgħin (90) jum mit-tmiem tas-sena finanzjarja, kopja tar-rapport finanzjarju għas-sena preċedenti, rapport tal-awditur skont is-subregolament (2), rapport amministrattiv u l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali ffirmati mis-Segretarju u fin-nuqqas tiegħu, mill-uffiċjal li jkollu r-rappreżentanza legali tal-persuna rreġistrata.".